QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001

Numru 18

Citaz. Nru. 2033/98 FDP

Francis Portelli u Mark Portelli bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Virtu` Ferries Limited

Vs

Dr. Anton Micallef u Dr. Peter Micallef bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Via Holidays & Travel Ltd.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' ghaxart elef, tlett mija, sebgha u erbghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm10,347.64) rapprezentanti prezz ta' biljetti ta' l-ivjaggar mibjugha lis-socjeta` konvenuta u minnha accettati liema ammont huwa ghas-saldu ta' diversi "*invoices*" hawn elenkati bhala Dokument "A";

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` attrici qeghda tipprezenta ma' din ic-citazzjoni dikjarazzjoni tal-fatti konfermata bil-gurament skond l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Premess illi avolja s-socjeta` konvenuta giet interpellata biex thallas dan l-ammont din baqghet inadempjenti u ma hallset xejn;

Premess illi s-socjeta` konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-kanonizzazzjoni ta' dan il-kreditu;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tghaddi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza u dana a tenur ta' l-Artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta’ ghaxart elef tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm10,347.64) lis-socjeta` attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu awtorizzat il-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet da parti tas-socjeta` konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illi fiha eccepiet:-

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ma kienx cert, likwidu u dovut izda somma ohra li ghad trid tigi verifikata waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Semghet lill-kontendenti u lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici pprezentat din ic-citazzjni u talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas s-somma ta' Lm10347, prezz ta' biljetti ta' l-ivvjaggar mibjugha lis-socjeta` konvenuta u minnha accettatati, u ghal dan l-ammont esebixxa diversi fatturi; is-socjeta` attrici talbet ukoll li s-sentenza tinghata a tenur ta' l-Artikoli 167 - 170 tal-Kap. 12, izda wara talba appozita il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Illi s-socjeta` attrici pprezentat kopja ta' ittra mibghuta mid-difensur tas-socjeta` konvenuta fis-17 ta' Marzu 1996 fejn wara ittra fejn intalab il-pagament gie mistqarr "*This is to inform you that the amount due by Via Holidays & Travel Ltd is ten thousand three hundred and forty seven Maltese liri and sixty four cents (Lm10347.64c)*"; talbet ukoll li jkun hemm laqgha "*to arrive at a settlement by which outstanding sum may be repaid*";

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta esibiet kopja ta' abboz ta' kuntratt li kien ser jigi ffirmat bejn il-kontendenti quddiem in-Nutar Edward Flores pero` jidher li dan il-kuntratt qatt ma gie ppubblikat; dana l-att jindika li l-konvenut *nomine* "*hereby constitutes himself*

*certain, true and liquid debtor in favour of the creditors nomine to the amount of ten thousand eight hundred and sixty three Maltese liri (Lm10863) which amount is due for the sale of travelling tickets issued by the creditors nomine in favour of debtor nomine*"; dan l-ammont kellu jitlhallas permezz tas-somma ta' Lm5431.50 dakinhar tal-kuntratt u l-bilanc jithallas sa data li kienet ghadha qed tigi miftehma; dan l-abbozz intbaghat lill-konvenut *nomine* fis-6 ta Lulju 1998;

Illi jrid jigi rilevat illi c-citazzjoni giet ipprezentata fit-13 ta' Ottubru 1998 jigifieri aktar minn tlett xhur wara li kien intbaghat dan l-abbozz;

Illi wara li s-socjeta` attrici ressqet ix-xhieda ta' Henri Saliba direttur li dak iz-zmien kien manager fejn spjega ic-cirkostanzi kif inhargu l-biljetti in kwistjoni, il-konvenut b'nota pprezenta l-istqarrija tieghu kif ukoll dik ta' Oliver Spiteri illi xehed li kien izomm il-kotba tal-kumpanija konvenuta kif anki tal-kumpanija l-ohra PTM International Limited; il-konvenut beda jikkontendi li l-kontijiet ma kienux dovuti mis-socjeta` konvenuta imma minn socjeta` ohra u cioe` minn PTM International Limited; dwar din ix-xhud Joseph Cilia Vincenti xehed li "*PTM International Limited hija l-mother company ta' Via Holidays*";

Illi x-xhud Oliver Spiteri xehed li s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet irceviet flus ghall-hlas tal-biljetti in kwistjoni u qal "*sa fejn naf jiena qatt ma nhargu dawn il-fatturi*"; huwa ma

kienx involut fil-bejgh ta' dawk il-biljetti. Huwa qal ukoll li l-maggoranza tal-vjaggi kienu ghal persuni li kienu klijenti tas-socjeta` PTM; dan ix-xhud semma' wkoll li wara li s-socjeta` attrici talbet il-pagament u ghaddietlu l-i*statements*, huma ghamlu l-kontrolli mehtiega u "*sibna diskrepanza fis-sens li ma qbilnix fuq il-valur totali tal-biljetti ghal xi ftit mijiet tal-liri*";

Illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta tbiddlet aktar tard meta mir-ricerki li ghamlu dehrilhom li l-ammont messu fil-bicca l-kbira kien addebitat lis-socjeta` PTM International Limited ghaliex "*is-socjeta` konvenuta ma ffatturatx ghal dawn il-biljetti*";

Illi s-socjeta` konvenuta ressqet ukoll lix-xhud Mihailova li kienet tahdem ma' l-istess socjeta` u din ukoll ippruvat tghaddi ir-responsabilita ta' l-ammont pretiz fuq is-socjeta` PTM u ziedet li "*as far as I know, all contact and negotiations on these tickets were made by and through PTM International Ltd*";

Illi s-socjeta` konvenuta pprezentat ukoll affidavit ta' l-imsemmi Joseph Cilia Vincenti li kien ukoll direttur ta' l-istess socjeta`, fejn dan ta storja li tinvolvi lill-istess socjeta` imsemmija PTM International Limited waqt li tipprova tezonera lis-socjeta` konvenuta; b'dan kollu meta fl-ahhar l-attur irnexxielu iressaq lill-istess Cilia Vincenti biex isirlu l-kontro-ezami ghall-imsemmi affidavit huwa xehed "*Jiena qed nigi muri l-affidavit li jiena kont ikkonfermajt u li jinsab fil-process a fol 89.*

*Jiena qed naqra l-ahhar paragrafu ta' din il-pagna, jiena nispjega illi l-kliem ta' l-affidavit minni ffirmat ma kienux il-kliem li ktibt jiena direttament imma kienu gew ippreparati. Nispjega li jiena lanqas naf nikteb bil-Malti.*"

Illi s-socjeta` attrici pprezentat a fol 9 "Requisition Forms" li jindikaw li l-agent kien Via Holidays ghal numru kbir ta' dawk il-vjaggi; l-imsemmi xhud Joe Cilia Vincenti gie muri dawn id-dokumenti u ammetta li dawn kienu gew iffirmati minnu; fil-fatt huwa "*nikkonferma li l-firma tar-receiving agent tixbah hafna li dik tieghi. Nikkonferma li jiena Via Holidays kumpanija wahda naf u mhux ohra bl-istess isem jew isem simili. Jiena nikkonferma illi dawna l-biljetti imsemmija f'dawn id-dokumenti kienu mahrugin ghal Via Holidays.*";

Illi aktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu Cilia Vincenti spjega illi l-kumpanija konvenuta kienet taghmel dawk l-ordnijiet "*ghaliex kienu jkunu ordnati minn kumpanija ohra PTM*"; aktar 'il quddiem dan ix-xhud spjega l-manuvra li kienet issir biex is-socjeta` attrici kienet tohrog il-biljetti mehtiega; jidher li ghalkemm dawn kienet verament tinhtieghom is-socjeta` PTM dina kienet titlob lill-kumpanija Via Holidays biex taghmel l-ordni hi u dan ovvjament ghaliex is-socjeta` attrici ma kienetx qed taghti izjed kreditu lis-socjeta` PTM waqt li kienet ghadha qed taghti kreditu lis-socjeta` konvenuta, l-istess xhud kompla jghid "*sa fejn naf jien meta PTM kien ikollha diffikulta biex thallas is-sales report lil Virtu Ferries, kienet haga semplici l-procedura li kienet taghmel cioe` li tutilizza lil*

*Via Holidays biex tordna il-biljetti hi; dana kien loophole illi kien jintuza mill-kumpanija repitutament.*"; dwar id-dokumenti li gew murija lilu dan ix-xhud qal "*Jiena m'inhix f'posizzjoni li nghid jekk dawn il-biljetti fil-fatt gewx utilizzati jew le. Kull ma naf huwa illi jiena kont ghamilt din l-ordni u hadt konsenja taghhom.*";

Illi ghall-Qorti s-sitwazzjoni giet kjarifikata bix-xhieda ta' dan Joe Cilia Vincenti u tifhem ukoll li s-socjeta` konvenuta ppruvat issejjah fil-kawza lis-socjeta` PTM International Limited illi kienet falliet;

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll illi jista' jkun li mhux l-ammont kollu kien minnha dovut, skond ix-xhud Spiteri jidher li d-diskrepanza li kienet tallega kienet biss ta' xi ftit mijiet u tul dawn is-snin kollha li kien ilha pendenti din il-kawza s-socjeta` konvenuta ghazlet li ma tinsistix dwar dan il-punt;

Illi minn naha taghha s-socjeta` attrici kemm permezz tax-xhieda kif ukoll permezz tad-dokumenti esebiti ppruvat illi l-biljetti in kwistjoni kienu qeghdin jigu ordnati proprju mis-socjeta` konvenuta u kienu qed jigu lilha debitament konsenjati l-biljetti relattivi; anqas tressqet prova li dawk il-vjaggi ma gewx utilizzati;

Ghalhekk il-Qorti tifhem li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova l-pretensjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm10347.64) kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa anki peress li ma saret ebda talba f'dan ir-rigward.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur